II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Lulju 2007

li twaqqaf il-proċeduri ta' l-*antidumping* fir-rigward ta' ċerti sistemi tal-kamera li joriġinaw mill-Ġappun

(2007/539/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **L-INVESTIGAZZJONI PREŻENTI**

(1) Fl-4 ta' April 2006, il-Kummissjoni rċeviet ilment rigward l-allegazzjoni ta' *dumping* inġurjuż minn importazzjonijiet ta' ċerti sistemi tal-kamera li joriġinaw mill-Ġappun.

(2) L-ilment tressaq minn Grass Valley Nederland BV f'isem il-produtturi tal-Komunità li jirrappreżentaw parti kbira mill-produzzjoni totali tal-Komunità ta' ċerti sistemi tal-kamera skond l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(3) L-ilment *prima facie* kien fih evidenza ta' l-eżistenza ta' dumping u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment ta' *antidumping*.

(4) Permezz ta' avviż ("l-avviż tal-bidu") ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2], il-Kummissjoni fetħet proċediment ta' *antidumping* rigward l-importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' ċerti sistemi tal-kamera, li attwalment huma kklassifikati bil-Kodiċijiet NM ex 8525 80 19, ex 8528 49 35, ex 8528 49 91, ex 8528 59 90, ex 8529 90 92, ex 8529 90 97, ex 8537 10 91, ex 8537 10 99 u 8543 70 90 (kodiċijiet tan-NM mill-1 ta' Jannar 2007) u li joriġinaw mill-Ġappun.

(5) L-avviż tal-bidu ddefinixxa l-prodott 'ċerti sistemi tal-kamera' li joriġinaw fil-Ġappun li jikkonsistu minn:

(a) ras tal-kamera (*camera head*):

(i) bi *viewfinder* integrat, kollegament jew kapaċità ta' *viewfinder*,

(ii) bi blokka ottika integrata, modulu fuq quddiem jew tagħmir simili (ara d-deskrizzjoni ta' hawn taħt), kollegament jew kapaċità

(iii) jew f'biċċa waħda bir-ras tal-kamera u l-*adaptor* tal-kamera f'kisi protettiv (*housing*) wieħed, inkella separati;

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU C 117, 18.5.2006 , p. 8.

(b) *adaptor* tal-kamera. Dan jista' jkun jew jista' ma jkunx integrat fir-ras tal-kamera;

(c) blokka ottika, modulu ta' quddiem jew tagħmir simili b'senser ta' l-immaġini wieħed jew aktar, fejn id-daqs djagonali effettiv ta' l-iskening erja sensittiva għaddawl huwa ekwivalenti għal 6 mm jew aktar. Dan jista' jkun jew jista' ma jkunx integrat fir-ras tal-kamera;

(d) *viewfinder* tal-kamera. Din tista' tkun jew tista' ma tkunx integrata fir-ras tal-kamera;

(e) stazzjoni ta' bażi jew unità tal-kontroll tal-kamera (*Camera Control Unit* - "CCU") kollegata mal-kamera permezz ta' kejbil jew b'mezz ieħor bħalma huwa kollegament wajerless;

(f) pannell tal-kontroll operazzjonali (*Operational Control Panel* - OCP) jew tagħmir ekwivalenti għall-kontroll tal-kamera (jiġifieri għal-aġġustament tal-kulur, ftuħ tal-lenti jew l-iris) ta' kameras uniċi;

(g) pannell tal-kontroll ewlieni (*Master Control Panel* - "MCP") jew unità ewlenija għas-*set-up* (Master set-up unit - "MSU") għas-superviżjoni u għall-aġġustament ta' bosta kameras mill-bogħod;

(h) unità ta' l-adattament tal-lenti tal-kaxxa bħala Adapter Kbir tal-Lenti jew SuperXpander li tippermetti sabiex sistemi *portable* tal-kameras jintużaw ma' lentijiet tat-tip tal-kaxxa.

impurtati flimkien, jew separatament, u li joriġinaw fil-Ġappun.

Mhuwiex dejjem meħtieġ li s-sistemi tal-kameras jikkonsistu mill-komponenti kollha ta' hawn fuq.

Il-komponenti differenti msemmija hawn fuq (mhux ras il-kamera) ta' sistema tal-kamera ma jistgħux jaħdmu b'mod separat u ma jistgħux jintużaw 'il barra mis-sistema tal-kamera ta' produttur partikolari.

Lentijiet u rekorders li mhumiex fl-istess kisi protettiv b'ras tal-kamera mhumiex koperti mill-istess prodott.

Il-prodott ikkonċernat huwa inklinat li jintuża fix-xandir, għall-ġabra ta' l-aħbarijiet, għaċ-ċinematografija diġitali jew għall-applikazjonijiet professjonali. Applikazzjonijiet professjonali jinkludu (iżda mhumiex limitati għalih) l-użu ta' dawn is-sistemi għall-ħolqien ta' materjal vidjografiku edukattiv, ta' divertiment, promozzjonali u dokumentarju, kemm għal distribuzzjoni interna kif ukoll għal dik esterna.

(6) Il-prodott kopert mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2042/2000 [1] , jiġifieri sistemi tal-kameras tat-televiżjoni li joriġinaw mill-Ġappun, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 8525 80 19, ex 8528 49 35, ex 8528 49 91, ex 8528 59 90, ex 8529 90 92, ex 8529 90 97, ex 8537 10 91, ex 8537 10 99 u 8543 70 90 (kodiċijiet tan-NM mill-1 ta' Jannar 2007) jaqa' kompletament taħt id-definizzjoni tal-prodott mogħtija hawn fuq. F'Diċembru 2006, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1910/2006 [2] kompla jikkonferma dawn il-miżuri għal reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ("il-miżuri oriġinali"). Il-miżuri oriġinali huma indirizzati f'regolament parallel, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 906/2007 [3].

(7) Uffiċjalment il-Kummissjoni għarrfet lill-produtturi esportaturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet ta' importaturi jew l-esportaturi magħrufa li huma kkonċernati, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, l-utenti, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-produtturi tal-Komunità li qed iressqu l-ilment, bil-bidu ta' l-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż ta' bidu u ntbagħtu kwestjonarji lill-partijiet kollha interessati.

B. **IRTIRAR TA' L-ILMENT U TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDURA**

(8) B'ittra tat-12 ta' April 2007 indirizzata lill-Kummissjoni, Grass Valley Nederland B.V. irtirat formalment l-ilment tagħha.

(9) Bi ftehim ma' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Bażiku, il-proċediment jista' jiġi tterminat meta l-ilment jiġi rtirat, jekk terminazzjoni bħal din ma tkunx fl-interess tal-komunità.

(10) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment attwali għandu jintemm peress li l-investigazzjoni ma sabet ebda fatt li juri li t-terminazzjoni ma tkunx fl-interess Komunitarju. Il-partijiet interessati ġew infurmati kif jixraq u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma tressqu ebda kummenti li jindikaw li tali terminazzjoni tal-proċediment ma jkunx fl-interess tal-Komunità.

(11) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-proċediment ta' l-*antidumping* li jikkonċerna l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti sistemi tal-kamera li joriġinaw fil-Ġappun għandu jiġi tterminat mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri ta' l-*antidumping*,

[1] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 38. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1909/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 365, 21.12.2006, p. 7.
[3] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-proċediment dwar l-*antidumping* li jikkonċerna l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti sistemi tal-kamera li joriġinaw fil-Ġappun, huwa b'dan itterminat.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni